13.9.2021 B9-0424/6

**Emenda 6**
**Peter Liese, Norbert Lins**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0424/2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Iqis li ***tali*** deroga għandha tapplika ***biss għat-trattament*** ta' annimali individwali ***b'marda dijanjostikata klinikament li tkun serja u ta' theddida għall-ħajja*** li***, jekk tiġi ttrattata b'mod mhux xieraq, twassal għal morbidità sinifikanti jew mortalità sinifikanti, u li għaliha ma jkun hemm disponibbli l-ebda trattament alternattiv, strateġiji alternattivi ta' ġestjoni tal-azjendi agrikoli jew tekniki mtejba ta' trobbija tal-annimali għall-prevenzjoni, it-trattament jew il-kontroll tal-marda, u għandha tapplika biss bil-kundizzjoni li jsir test tas-suxxettibbiltà għall-antibijotiċi li jintalab qabel it-trattament***; | 7. Iqis li deroga għandha tapplika ***għal trattament individwali*** ta' annimali individwali ***wara dijanjożi individwali, inkluż it-twettiq ta' antibijogramma*** li ***twassal għar-riżultat li ma jkun disponibbli ebda antimikrobiku inqas qawwi; iqis ukoll li jekk jiġu affettwati diversi annimali fl-istess ambjent, kollha kemm huma jistgħu jiġu ttrattati iżda biss bil-kundizzjoni msemmija hawn fuq; jisħaq li l-użu tal-antimikrobiċi b'dawn il-kundizzjonijiet għandu jiġi nnotifikat lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u li l-Istati Membri għandhom jiġbru u jivvalutaw din id-data biex jippermettu aktar rakkomandazzjoni u gwida dwar kif jitnaqqas l-użu tal-antimikrobiċi***; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 7**
**Peter Liese, Norbert Lins**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B9-0424//2021**
**Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel**
Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji għad-deżinjazzjoni tal-antimikrobiċi li għandhom jiġu riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *7a.* ***Jisħaq li monitoraġġ komprensiv tal-antibijotiċi fil-biedja ġie, żviluppat f'kooperazzjoni mal-veterinarji, wassal għal dokumentazzjoni estensiva tal-użu tal-antibijotiċi u kompla jtejjeb l-applikazzjoni tagħhom; jiddispjaċih għall-fatt li għadha ma teżisti ebda sistema komparabbli fir-rigward tal-mediċina umana; għalhekk, jekk ma jkunx inkiseb biżżejjed progress dwar l-użu prudenti tal-antibijotiċi fil-mediċina umana fis-sentejn li ġejjin fil-livell tal-Istati Membri, jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għall-użu tal-antibijotiċi fil-mediċina umana fuq l-istess bażi ġuridika bħal dik għall-mediċina veterinarja u jistieden lill-Kummissjoni tipproponi qafas legali fil-forma ta' strument li jinċentiva l-iżvilupp ta' antibijotiċi ġodda;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità